MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-27 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 369/2014

**Bank of Valletta p.l.c.**
**C 2833**

**Vs**

**Clive D'Amato**
**ID. 196489M**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-3 ta' Gunju, 2014 fejn il-bank attur talab illi l-konvenut jinsab debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elfejn, sitt mija u sbatax-il ewro u disgha u sittin centezmu (€2,617.69) bilanc ghad-debitu fil-'Loan Account' tieghu mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok 'A1 sa A2) flimkien ma' l-imghax ulterjuri mit-30 ta' Mejju, 2014, sal-jum tal-pagament effettiv u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali datata 2 ta' Mejju, 2013 (Dok "B"), u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment.

Illi, interpellat sabiex ihallas id-dejn fuq imsemmi, il-konvenut baqa inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din it-talba.

Illi, s-socjeta' attrici qed tipprezenta wkoll Affidavit skont il-ligi hawn anness u markat Dok. 'C'.

Din l-interpellanza qed issir minghajr pregudizju ghall-bilanci ohra dovuti minn Clive D'Amoto li ghalihom is-socjeta' attrici qed tirriserva li tipprocedi f'gudizzju separat.

Il-konvenuta debitament notifikata baqghat ma dehritx u lanqas ipprezentat risposta ghat-talba mitluba kontriha.

Deher rapprezentant ghas-socjeta' attrici li 'kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lil konvenut ihallas l-ammont ta' elfejn, sitt mija u sbatax-il ewro u disgha u sittin centezmu (€2,617.69) bl-imghax legali sa mit-30 ta' Mejju, 2014 sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez tal-kawza jkunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------